MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 670/2009

**Margaret Agius ID 280964M**

**vs**

**Mark Camilleri ID 70876M u skond il-verbal tat-8 ta' April 2010**
**gew kjamati in kawza Paul Demicoli u Joseph Grixti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Awwissu 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici is-somma ta' elf, mija u tmintax-il Ewro u erbghin centezmi (€1,118.40c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra li permezz tal-verbal tat-8 ta' April 2010 gew kjamati in kawza Paul Demicoli u Joseph Grixti.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2012, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lil attrici s-somma ta' elf, mija u tmintax-il Ewro u erbghin centezmi (€1,118.40c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------